MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1961/2003

**U.C.I.M Co. Ltd**

**vs**

**Windmill Aluminium Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta’ Ottubbru 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u tlieta u sittin lira Maltin (Lm1063.00) rapprezentanti import ta’ seba’ kambjali accettati u skaduti minn Marzu 2003 sa Settembru 2003 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 7).

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sal-24 ta’ Settembru 2003 jammontaw ghal Lm26.00 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra

s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fejn hija cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza izda fejn zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ispejjes ta' din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------